MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 04/2024-9**

**It-Tlieta, 27 t'Awwissu 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina– Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

N/A

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba. Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsilliera Dott. Marlene Cini ser tkun qed tattendi għal din il-laqgħa b'mod virtwali peress li tinsab imsiefra.

**04.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

04.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji.

**04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

04.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 02/2024-9 u 03/2024-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

04.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

04.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 02/2024-9 u Minuti Nru 03/2024-9 ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

04.3.2 Is-Sindku fetaħ id-diskors tiegħu billi rringrazzja lil Arċipriet u l-Għaqdiet kollha li taw sehmhom u oħrajn li kienu nvoluti dirett jew indirett sabiex il-Festa ta' l-Assunta kienet suċċess. Irringrazzja wkoll lil kull min ipparteċipa kif ukoll lil ħaddiema. Sostna li l-Kunsill lest li jkompli jkun ta' spalla kontinwa u jkompli jinvesti. Irringrazzja wkoll lill-Public Cleansing Section talli bgħatu l-isweeper minħabba t-tindif kif ukoll lil LESA, TM u l-Korp tal-Pulizija.

04.3.2 Rigward il-laqgħa b'urġenza li saret minħabba l-applikazzjoni tal-GAGF, is-Sindku qal li jħossu ftit diżappuntat li min kellu jissottometti l-applikazzjoni daħħalha tard. Informa lill-membri illi sabiex ġiet kompluta din l-applikazzjoni nġabru xi kwotazzjonijiet

għal mobile clinic. Għaldaqstant propona sabiex din tinxtara xorta u tintalab l-għajnuna tal-Ministeru tas-Saħħa u Anzjanita' Attiva u titpoġġa fejn il-latrina tal-parkeġġ ta' Marsalforn. Il-membri qablu.

04.3.3 Propona sabiex minflok il-BCRS li hemm fil-parkeġġ ta' Marsalforn tinbena kamra sabiex isservi bħala uffiċċju tal-Kunsill f'Marsalforn. Propona li għandha ssir talba ma' l-Awtorita' ta' l-Artijiet għad-devoluzzjoni u wara ssir talba mal-PA. Il-Kunsilliera Dott. Marlene Cini fakkret lil membri bil-kwistjoni li hemm il-Qorti lil min jappartjeni l-parkeġġ u għalhekk il-Kunsill għandu jkun kawt. Is-Sindku nfurmha li hu għalhekk li l-Kunsill ser jagħmel talba għal area żgħira ta' devoluzzjoni. Il-membri qablu.

04.3.4 Propona u l-membri qablu sabiex issir applikazzjoni tas-SERV project għal attivita' ma Anila f'Sardinja fejn napplikaw għal 56 parteċipant. Is-SEM ser ikunu qed jieħdu ħsieb din l-applikazzjoni.

04.3.5 Propona u l-membri qablu sabiex issir ħarġa għal Anzjani f'Malta wara s-Sajf. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona ukoll sabiex issir ħarġa anke bit-train. Il-membri qablu.

04.3.6 Is-Sindku nforma lil membri li ser issir preżentazzjoni fuq il-Breakwater ta' Marsalforn nhar it-Tnejn, 9 ta' Settembru. Ħeġġeġ lill-membri sabiex jattendu.

04.3.7 Talab sabiex issir pressjoni mal-MGP fuq it-Triq ta' Ċenċ peress li ilha fuq sentejn. Il-Kunsillier Nicky Saliba sostna li kieku nbena l-ħajt kif propona hu kieku llum il-kwistjoni solvuta. Il-Kunsilliera Dott. Marlene Cini qalet li kien sar rapport mill-Periti u kellhom jinħarġu l-offerti. Il-membri qablu li terġa ssir kommunikazzjoni mal-MGP rigward Triq ta' Ċenċ u Triq Għajn Mhelhel fejn il-ġebla tal-Munġitar.

04.3.8 Informa lil membri li dejjem emmen li għandhom jiżdiedu s-servizzi li jingħataw mill-Kunsill u għalhekk propona li jibda' jingħata s-servizz tal-posta, 3 darbiet fil-ġimgħa mit-8am sa' nofsinhar. Dan is-servizz se tkun qed tieħu ħsiebu Donna Azzopardi fejn se tingħata t-taħriġ meħtieġ mill-Malta Post biex

b'hekk il-ħaddiema klerikali jkunu jistgħu jlaħħqu max-xogħol ġa eżistenti tagħhom. Il-membri qablu.

## 04.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

04.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Cordina*

04.4.1.1 Irringrazzja lill-Arċipriet, il-Kor, l-orkestra b'mod partikolari lil Maria Cefai u Mro Franco Cefai, l-għaqdiet volontarji u lis-Supt. Bernard Spiteri u l-korp kollu ta' l-appoġġ sħiħ inkluż TM u LESA. Qal li l-festa kienet suċċess pero' għal sena oħra nitgħalmu mill-iżbalji. Il-Kunsill dejjem emmen li għandu jikkolabora finanzjarjment ma' kull għaqda. Kompla jgħid li jekk jiġu evitati l-piki, flimkien jirnexxu. Qal li fil-volontarjat m'għandniex nibżgħu minn uċuħ ġodda. Sostna li flimkien għandna nħarsu 'l quddiem.

04.4.1.2 Informa lil membri li ġie avviċinat minn residenti li fil-magna tal-BCRS meta jarmu l-ħġieġ ikun hemm ħafna storbju. Is-Sindku nfurmah li bejn il-10.00 ta' bil-lejl u s-6.00 ta' filgħodu tkun mitfija. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li qed timtela mal-ewwel u ħadd ma jkun jista' jużha. Propona sabiex il-BCRS titmexxa lejn il-kamra tad-drenaġġ. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jivverifika kemm hi l-ispiża u ssir laqgħa ma' tal-BCRS.

04.4.1.3 Talab sabiex jinbena ħajt ta' l-għalqa fil-Wied. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

04.4.1.4 Rigward CCTV li kellha teħel fil-Menqa, talab minflok sabiex issir webcam. Il-membri qablu li ssir talba mal-MTA f'dan ir-rigward.

04.4.1.5 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil Perit tal-Kunsill biex iħejji l-BOQ ta' Triq il-Ponta.

04.4.1.6 Propona u l-membri qablu sabiex l-Otters Club jibdew jieħdu ħsieb jaqtgħu l-ħaxix bħal ma jagħmlu l-għaqdiet l-oħra. B'dan il-pass il-kollaborazzjoni mal-għaqdiet se tibqa' l-istess.

04.4.1.7 Propona u l-membri qablu li la jkun hemm skema ta' għajnuna, għandu jiġi tranġat il-pitch tal-boċċi li hemm fil-bajja ta' taħt ix-xifer.

04.4.1.8 Talab sabiex terġa tintbgħat tfakkira lil Richard Cauchi, il-Kuntrattur tad-dawl sabiex jinqala l-arblu minn fuq il-bankina u l-bracket tad-dawl minn mal-faċċata ta' A Cini fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri.

04.4.1.9 Propona sabiex jekk jinħarġu xi fondi tal-EU l-kunsill japplika sabiex issir Triq ta' Milied u ta' l-Għazz. Il-membri qablu li la jinħarġu xi fondi, din il-materja terġa tiġi diskussa.

04.4.1.10 Ġibed l-attenzjoni rigward nofs id-dawl mitfi li hemm fiż-Żebbuġ Playing Field. Is-Sindku nfurmah li qed taqa' is-salvavita u anke hu qed imur jixgħelu. Hawn is-Sindku qal li jħoss li wasal iż-żmien li dan il-Playing Field jiġi nawgurat u għalhekk talab lill-Kunsillier Nicky Saliba jieħu ħsieb din l-inizjattiva u jiġi nawgurat minnu stess peress li hu kien ta' bidu għal dan il-proġett. Il-Viċi Sindku talab sabiex titwaħħal it-tabella kommemorattiva li kien hemm.

04.4.1.11 Rigward il-bankina ta' Pjazza l-Assunta tas-Sur L. Zahra, propona li l-bankina għandha tiġi wiesgħa skont l-imwejjed li ser ikollu. Il-membri qablu li l-ewwel għandha titħejja pjanta mill-Perit u tiġi approvata mill-PA jekk titwessa'. Għalhekk kien hemm qbil li qabel issir laqgħa mal-Perit sabiex tiġi diskussa wkoll fejn ser issir iz-zebra crossing.

04.4.1.12 Il-Viċi Sindku kkundanna l-att vandalu li sar fil-Batterija ta' Santa Marija fejn insterqu t-travi u għalhekk talab sabiex jinbena ħajt tal-kantun sabiex jingħalaq l-aċċess. Il-Kunsillier Nicky Saliba ġibed l-attenzjoni li l-proprjeta' hija ta' l-Awtorita' ta' l-Artijiet u jkun aħjar li l-Kunsill jinforma lilhom. Is-Sindku propona u l-membri qablu li għandha tintbgħat korrispondenza lil Awtorita' u jekk ma jinbeniex fi żmien 15-il ġurnata, jinbena mill-Kunsill. Il-Viċi Sindku, Daniel Cordina sostna li peress li għandu f'idejh id-dekasteru tal-Wirt kulturali u postijiet storiċi propona sabiex kull korrispondenza fuq il-batterija f'isem il-Kunsill tibda' tintbgħat mill-Avukat Chris Said minflok l-Avukat Mario Scerri peress li dan għamel diversi PQs f'dan ir-rigward. Is-Sindku talab sabiex

jittieħed vot f'dan ir-rigward. Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini proponiet li l-Kunsill ikollu ż-żewġ avukati. Il-Kunsillier Nicky Saliba astjena waqt li s-Sindku Baskal Saliba u l-Kunsillier Mario Portelli qablu mal-proposta tal-Kunsilliera Dott Marlene Cini.

04.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

04.4.2.1 Rigward il-Festa, il-Kunsilliera Dott Marlene Cini ingħaqdet mal-kollegi sħabha fejn qalet li l-Kunsill għandu jitgħallem u jħares 'il quddiem sabiex jingħaqad b'kollaborazzjoni ma' l-għaqdiet kollha ħalli l-festa tkompli tikber.

04.4.2.2 Talbet sabiex jissewwew il-fanali tal-Pjazza għaliex mhux kollha qed jixgħelu. Is-Sindku nfurmha li diġa marru fuqhom żewġ kuntratturi pero ma sabux minn fejn ġejja l-ħsara. Għaldaqstant il-membri qablu li jinfurmaw lil Richard Cauchi b'dan.

04.4.2.3 Talbet biex jinqata' l-ħaxix ta' Triq il-Kanun. Is-Sindku nfurmha li dan ser jinqata' miż-Żebbuġ Rovers.

04.4.2.4 Staqsiet meta ser jitkomplew jeħlu l-fanali li kellhom jeħlu fil-belvedere ta' Triq Santa Marija. Is-Segretaja Eżekuttiv infurmatha li ser jeħlu wara s-sajf.

04.4.2.5 Talbet sabiex malajr kemm jista' jkun jiddaħħlu l-*claims* fuq M4.3 ħalli jingħalaq dan il-proġett.

04.4.2.6 Infurmat lill-membri li ġiet avviċinata minn Emmanuel Farrugia rigward it-triq ġdida li qed tinfetaħ fi Triq il-Forn fejn qal li kien ħallas biex issir it-triq. Is-Sindku Baskal Saliba wieġeb li diġa' ġie hu ukoll avviċinat minnu u talbu sabiex jagħtina bil-miktub ħalli l-Kunsill ikun jista' jimxi minn hemm.

*Il-Kunsilliera Dott. Marlene Cini skużat ruħha u ħalliet il-laqgħa fis-6.15 ta' filgħaxija.*

04.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

04.4.3.1 Fakkar sabiex isir id-double yellow line mal-kantuniera fi Triq il-Batterija fejn kien inbena l-ħajt.

04.4.3.2 Informa lil membri li nġabret kwotazzjoni għal imwejjed sabiex jintużaw għall-attivitajiet tal-lokalita'. Il-prezz hu €150 eżkluż il-VAT il-waħda. Il-membri qablu li jiġu ordnati 10 minflok 20.

04.4.3.3 Informa lill-membri li nġabret kwotazzjoni għal bus shelter fi Triq Santa Marija. Il-prezz hu €5,400 eżkluż il-VAT. Ġie maqbul ukoll illi taħt għandha ssir platform tal-konkos. Il-membri qablu li qabel ma tiġi ordnata tiġi sottomessa d-drawing mingħand Joseph Chris Saliba lil AKL għal approvazzjoni u ssir iżghar ħalli tiġi irħas.

04.4.3.4 Talab sabiex l-arblu li hemm taħt is-sies fi Triq Mons De Piro jitressaq ftit. Il-Kunsillier Nicky Saliba ġibed l-attenzjoni li l-ewwel l-Kunsill għandu jara x'hemm taħt u dan peress li s-sies qed iċedi. Għaldaqstant se jittieħed il-parir tal-Perit tal-Kunsill.

04.4.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

04.4.4.1 Rigward il-festa l-Kunsillier Nicky Saliba qal li jaqbel ma' dak kollu li ntqal. Ħeġġeġ sabiex ikun hemm aktar ko-operazzjonijiet bejn l-għaqdiet. Irringrazzja lil kull min ta' sehem speċjalment lil dawk li għamlu t-tindif neċessarju.

04.4.4.2 Talab sabiex malajr kemm jista' jkun jitniżżlu l-arbli ta' l-armar minħabba l-maltemp. Se tinġibed l-attenzjoni lill-għaqda.

04.4.4.3 Talab sabiex jitkompla jinqata' l-ħaxix ħażin fi triq f'Wied l-Abjad. Il-membri qablu li jaqtewh l-ħaddiema tal-Kunsill.

04.4.4.4 Propona u l-membri qablu sabiex jitnaddfu l-water culverts kollha ta' madwar ir-raħal qabel ma' tibda ix-xita.

04.4.4.5 Rigward il-bozza ta' Triq Mons De Piro talab sabiex il-bozza teħel ma l-arblu ġa eżistenti u wara x'ħin tinqala' jeħel l-fanal. Il-membri qablu li għandu jiġi nfurmat b'dan Richard Cauchi.

## 04.5 Materji oħra

04.5.1 Talba mingħand resident li għandu appartament fi Triq it-Torn. Informa lill-Kunsill li l-appartament ma jistax jirreġistrah peress li l-isem tat-triq qatt ma ġie rreġistrat. Informa lil Kunsill li din hija triq privata. Il-membri qablu sabiex il-Kunsill jiċċekkja ma' l-Awtorita' ta' l-Artijiet jekk dan hux minnu.

04.5.2 Inġabret kwotazzjoni għal partition fl-uffiċċju fejn l-iskrivanija tas-Seg. Eżekuttiv. Il-prezz għal partition bil-laminated glass tiswa €750 eskluż VAT. Il-Kunsillier Nicky Saliba sostna li s-Seg. Eżekuttiv għandha tkun magħluqa totalment għal privatezza. Il-membri qablu li għandha ssir din il-partition.

04.5.3 Rigward il-main ta' l-ilma li hemm fil-wiċċ fi Triq il-Qolla s-Safra, l-membri qablu li din għandha ssir malajr kemm jista' jkun malajr avolja jkun għadu ma għaddiex il-perjodu tas-Sajf.

04.5.4 Mistoqsija mingħand Mariana Teuma fejn staqsiet taħt min taqa r-responsabilita' tal-barriers fis-Sibt tal-festa peress li għamlet xi ħsara fil-karozza għax waħda minnhom kienet imkissra bil-konsegwenza li kienet minduda fl-art u rifsitha bil-karozza. Il-membri qablu li r-responsabilita' hija tal-Pulizija peress li l-barriers huma tagħhom.

04.5.5 Emejl mingħand il-BE Clean Ltd fejn informa lil Kunsill li qed jitbattlu l-bins tal-Qbajjar Promenade u sa fil-għaxija jkunu mimlija. Il-membri talbu sabiex il-kuntrattur inaddaf il-promenade sew u jaqta' l-ħaxix ħażin. Saret enfażi sabiex dan il-promenade jiġi miżmum sew mill-Kuntrattur.

04.5.6 Enforcement Notice EC/0113/24 – għeluq ta' xafts fejn qed isir xi bini fi Triq il-Forn. Il-kontenut ġie nnotat.

04.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li c-charging pillar ta' Triq Oniċi għandha teħel fil-bidu tas-sena d-dieħla.

04.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li sar rapport mal-pulizija rigward is-sies li qed iċedi fi Triq Għar Qawqla fejn dan ġie

mibgħut lil Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar. Għarrfithom ukoll illi l-pulizija għalqu dik il-parti perikoluża bil-barriers.

04.5.9 Is-Sur Winston Montanaro Gauci qed jitlob sabiex terġa tinżebaħ id-disabled parking bay li kien hemm fil-pjazza ta' quddiem il-knisja ta' Marsalforn. Il-membri ma qablux peress li d-disabled box li kien hemm kienet għal wieħed li llum miet.

04.5.10 Il-Kunsill ġie nfurmat minn residenti li hemm problema ta' hamiem fi Triq ix-Xagħra u Triq is-Sajjied. Il-membri qablu li għandu jiġi avviċinat il-Kunsill Lokali tal-Qala għal gwida għax dawn irnexxilhom isolvu l-problema tal-ħamiem.

04.5.11 Talba mingħand Salvina Cini ta' Triq il-Knisja sabiex isiru 3 tarġiet mit-triq għal bankina peress li għolja ħafna. Il-membri qablu li dawn isiru mill-ħaddiem tal-Kunsill.

04.5.12 Talba mingħand Daphne Palmer sabiex issir mera faċċata tal-garaxx u teħel slow sign. Il-membri qablu li teħel is-slow sign pero ma qablux li teħel il-mera għax din tkun qed isservi biss lil xi ħadd partikolari u mhux lill-pubbliku inġenerali.

04.5.13 Enforcement EC/00125/24 – f'daħlet il-mielħa qed jinbnew xi ħitan tas-sejjiegħ. Il-kontenut ġie nnotat.

04.5.14 Il-Kunsill irċieva ittra mill-Avukat Chris Said għan-nom ta' George Cefai sabiex jiġi estiż b'żewġ metri d-double yellow line ġa eżistenti faċċata tiegħu ma' proprjeta' ta' Mallia fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri. Il-Viċi Sindku Daniel Cordina ikkomunika mal-familja Mallia f'dan ir-rigward fejn dawn infurmawh li huma jaċċettaw li dan is-sinjal jiġi estiż b'metru wieħed biss. Għandha ssir talba ma' TM.

04.5.15 Talba mingħand Art Studio Mario Cassar sabiex jiżdiedu tabelli għal ħeritage trail bil-QR codes. Il-membri qablu.

04.5.16 Ilment M03/24 – Talba mingħand Walter Farrugia sabiex issir zebra crossing fi Triq Santa Marija fejn il-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu li din għandha ssir fejn il-bus stop. Se ssir talba ma' TM.

04.5.17 Ilment M04/24 – Talba mingħand Victoria Xerri biex jinżebaħ double yellow line fit-tieni parti ta' Triq id-Duluri sabiex ma jipparkjawx il-karozzi. Il-membri ma qablux.

04.5.18 Ilment mingħand resident li hemm post miftuħ fi Triq Frank Debono li ġo fih qed ikun mimli ħamiem. Il-Kunsill għandu jivverifika ta' min hu sabiex is-sid jagħlqu.

04.5.19 Talba mingħand l-Arċipriet taż-Żebbuġ sabiex it-tifkiriet li hemm quddiem iz-zuntier minflok jitpoġġew mal-ġenb. Il-membri qablu pero ser tinġabar kwotazzjoni mingħand Toni Zammit.

04.5.20 Talba mingħand Silvan Chetcuti sabiex jinżebgħu kaxxi tal-parkeġġ fi Triq il-Qolla s-Safra. Il-membri qablu li ssir talba lil TM.

04.5.21 Ilment Z02/2024 – Talba mingħand Michelle Xuereb fejn talbet sabiex togħla ftit it-triq quddiem id-daħla tal-garaxxijiet għax qed tħokk il-karozza f'Panorama Court, Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu li għandu jiġi vverifikat mill-ħaddiem tal-Kunsill x'hemm bżonn isir.

04.5.22 Talba mingħand Silvan Galea sabiex il-Kunsill jagħmel stima kemm tiswa it-triq fejn tinsab il-proprjeta' tiegħu sabiex tkun tista' tinxtara mill-Gvern. Dan qal li l-Awtorita' ta' l-Artijiet qed tistenna kemm tiswa. Il-membri qablu li l-Perit tal-Kunsill għandu jagħmel stima ta' dan.

04.5.23 Korrispondenza mingħand Franco Cefai rigward objection ta' PA/0732/22 fejn il-Kunsill kien diġa' għamel l-oġġezzjoni tiegħu għal bini f'ODZ. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Perit tal-Kunsill diġa' nforma lill-PA li l-Kunsill iżomm l-istess pożizzjoni.

04.5.24 Ilment M05/2024 – Talba mingħand Alfred Aquilina sabiex isiru bollards tal-ħadid fit-triq peress li xorta qed jipparkjaw il-karozzi fuq id-double yellow lines fi Triq il-Qolla s-Safra. Il-membri ma qablux ma' dan pero qablu li għandhom jiġu nfurmati l-pulizija għal aktar sorveljanza.

04.5.25 Talba mingħand Cliff Jones ta' Triq Santa Marija. Talab sabiex isiru double yellow lines quddiem il-bieb tad-dar tiegħu peress li jinsab

taħt il-livell tat-triq u ma jkunx jista' joħroġ bil-karozzi pparkjati quddiemu. Il-membri qablu li peress li ma' ġenbu hemm il-bus stop quddiemu minflok issir iz-zebra crossing li ġiet mitluba minn Walter Farrugia fuq ilment M03/2024. Għandha ssir talba lil TM wara li l-Perit iħejji l-pjanta neċessarja.

04.5.26 Ilment mingħand Dr Joseph Vancell fejn qal li tal-Pizza Bar fi Triq Guzeppi Pace talab għal permess ta' l-imwejjed u siġġijiet. Dan sostna li mhux ha jibqa' wisa' minn fejn jgħaddu n-nies. Il-membri qablu li s-Sinjur għandu javviċina lil Awtorita' ta' l-Artijiet fuq din il-kwistjoni għax mhux kompetenza tal-Kunsill.

04.5.27 Talba mingħand Fortunato Saliba sabiex jinżebgħu d-double yellow lines faċċata tiegħu fi Triq il-Ponta. Ir-residenti Louis Cassar Pullicino u Malcom Miller li huma s-sidien tad-djar ta' faċċata fejn taw l-approvazzjoni tagħhom biex dawn is-sinjali jinżebgħu. Il-Kunsillier Nicky Saliba ddikjara kunflitt ta' nteress. Il-Viċi Sindku Daniel Cordina oppona li jinżebgħu dawn is-sinjali u sostna li l-Kunsill m'għandhux jidħol fi kwistjonijiet bejn il-ġirien. Is-Sindku u l-Kunsillier Mario Portelli qablu li għandha ssir talba lil TM f'dan ir-rigward peress li ġab l-approvazzjoni tar-residenti li ser jinżebaħ is-sinjal quddiemhom.

04.5.28 Talba għal kollaborazzjoni ma Michel Angelo & Friends għat-tieni edizzjoni tal-Milied li ser issir fil-Knisja ta' Marsalforn fil-5 ta' Jannar 2025. Il-membri qablu li l-kollaborazzjoni tal-Kunsill ma' taċċedix it-€300.

04.5.29 M02/2024 – Talba mingħand Dejan Dukic fejn talab il-permess tal-Kunsill sabiex iwaħħal tabelli direzzjonali għal minimarket tiegħu fi Triq il-Qolla s-Safra. Il-membri ddikjaraw li l-Kunsill qatt ma ta permessi simili għalhekk din it-talba ma ntlaqetx.

04.5.30 Talba mingħand resident fi Triq Santa Marija sabiex jeħlu 3 bankijiet ġodda fuq il-bejt tal-latrina tal-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu.

04.5.31 Ilment M07/2024 – Talba mingħand Victor Refalo għal un/loading bay fi Triq ir-Rabat fejn il-kiosk tiegħu. Il-membri qablu li ssir talba ma TM.

04.5.32 Ilment Z06/2024 – talba mingħand Iman Galea sabiex it-taraġ ta' fejn Ħal Sagħtrija Complex jitranġa u jitnaddaf minn ħaddiem tal-Kunsill. Il-membri qablu u qablu wkoll li jiġu nstallati wkoll d-dwal.

04.5.33 Ilment Z07/2024 – talba mingħand Katy Cefai sabiex jinżebaħ single yellow line quddiem id-dar tagħha fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri sabiex meta tiġi l-ambulanza għaliha tkun tista' toħroġ. Kien hemm qbil fost il-membri.

04.5.34 Ilment Z08/2024 – talba mingħand Mariella Galea sabiex isir it-tindif neċessarju fi Triq taċ-Ċaqra u jitwaħħal dog bin. Il-Viċi Sindku propona li jeħel ieħor wara l-Kartell fi Triq Santa Marija. Il-membri qablu.

04.5.35 Sabiex il-Kunsill ikun jista' jgħaddi t-telefonati mill-Uffiċċju taż-Żebbug għal Marsalforn u vice versa nġabet stima għal sistema li taħdem bl-internet. Din tiswa €50 fix-xahar sabiex tintuża minn 5 ħaddiema. Il-membri qablu.

04.5.36 Ilment Z09/2024 – Talba mingħand Stephen Dimech sabiex jeħlu speed limit signs fi Triq Sant' Indrija. Il-membri qablu li jiġu mwaħħla tabelli b'15 km/h wara l-approvazzjoni ta' TM.

04.5.37 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li reġet ġiet avviċinata minn Melvin Xuereb għal tarmac quddiem id-dar tiegħu fi Triq il-Lampuka peress li l-Gozo LC Works qatt ma approvawha. Il-Viċi Sindku Daniel Cordina qal li din issir bit-tarmac meta tkun qed issir Triq il-Ponta. Is-Sindku Baskal Saliba infurmah li s-sid kuntent li din minflok issir bil-konkos mill-ħaddiem tal-Kunsill. Il-membri qablu mal-proposta tas-Sindku.

04.5.38 Korrispondenza mingħand TM fejn infurmaw lill-Kunsill li t-talba ta' Paul Agius għal personalized parking bay fi Triq in-Naħla ma ġietx approvata. Il-membri nnotaw il-kontenut.

04.5.39 Ilment Z05/2024 – resident li joqgħod f'Ta' Xanah fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri fejn qal li quddiem il-proprjeta' tiegħu bejn il-Knisja u Triq Għażżiela waqgħet fossa sabiex titranġa. Billi ma ġewx

annessi ritratti ma' l-ilment, il-membri qablu li l-ewwel issir il-verifikazzjoni meħtieġa.

04.5.40 Talba sabiex jinbidel il-bank li hemm fi Triq Oniċi l-ġewwa minn Ħal Sagħtrija Complex għax imkisser. Il-membri qablu li dan jiġi ordnat ma dawk diskussi f'materja 04.5.30.

04.5.41 Ilment Z10/2024 – Talba mingħand Alfred Attard sabiex jitneħħa t-trab li nġarr bix-xita f'passaġġ fl-inħawi ta' Wied l-Għasri. Peress li r-ritratti li ġew annessi m'humiex ċari l-Kunsill għandu jagħmel il-verifikazzjoni qabel ma japprova x-xogħolijiet.

04.5.42 Ilment Z11/2024 – talba mingħand Michael Vella sabiex jitneħħa t-trab minn Għajn Quċċat u jitpoġġa fuq il-ħajt peress li qed jeħel il-moħriet. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir minn Joseph Saliba.

04.5.43 Talba mingħand Pablo Micallef sabiex terġa ssir l-Mini Car Show f'Marsalforn b'risq Puttinu Cares. Il-Viċi Sindku Daniel Cordina qal li jaqbel ma' din u jsir kuntatt ukoll ma' Mario Mallia, Chris Sultana u Christian Cefai sabiex jingħaqdu diversi dilettanti tal-karozzi magħhom. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret lill-membri li ser tiġi organizzata wkoll iż-Żebbuġ Gozo Motor Show għal aħħar ta' Settembru 2024.

04.5.44 Talba sabiex issir un/loading parking bay fi Triq il-Wied quddiem l-Electra. Ma kinx hemm qbil fost il-membri.

**04.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 02/2024 għall-perjodu t'Awwissu 2024 li tammonta għal €122,888.79 ġiet approvata mill-membri preżenti. Is-Sindku, Baskal Saliba fakkar lill-membri li l-pagamenti li qed jiġu approvati huma ta' xogħolijiet tal-Kunsill preċedenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed jieħu deċiżjoni fuq l-approvazzjoni tal-kont mibgħut mir-Reġjun t'Għawdex bin-numru 33 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Maniġer tar-Reġjun. Il-Viċi Sindku Daniel Cordina talab sabiexi l-kont bin-numru 54 jiġi sospiż sabiex dan jiġi diskuss ma min bgħatu. Is-Sindku nforma lill-membri li l-Projekte Global

ingħataw biss 80% tal-kont għax inqalgħu xi problemi fil-Qbajjar Promenade fil-playing equipment.

**04.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-7.15 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser tkun fl-24 ta' Settembru 2024 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv